**22 ta' Mejju, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmelo Mallia *et*

*versus*

Andrew Bezzina *et*

**Sospensjoni ta' Kawża – *Sine Die* – Rappreżentanza ta' Persuni Mhux Magħrufa – Rappreżentanza ta' Eredità Ġjaċenti – Soprasessjoni**

*Provvediment li bih il-Qorti tordna s-soprasessjoni f'kawża huwa digriet interlokutorju. Isegwi għalhekk li tali digriet interlokutorju huwa appellabbli bħal kwalunkwe digriet interlokutorju ieħor.*

*Is-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li l-Qorti għandha tirrikorri għalih biss meta hu meħtieġ fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja x'ħin tinqala' xi kwistjoni delikata u ġdida li d-deċiżjoni tagħha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-eżitu tal-kawża jew minħabba n-natura ġuridika tagħha ma jkunx konvenjenti li tiġi eżaminata u deċiża f'kawża oħra separata li tkun trid tiġi proposta separatament.*

*Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi għar-rappreżentanza ta' persuni mhux magħrufa li jistgħu jkunu kjamati għall-wirt, u jipprovdi wkoll għar-rappreżentanza ta' eredità ġjaċenti.*

*Jista' jipprospetta ruħu l-każ jew li l-eredità tkun ġjaċenti u allura r-rappreżentanza tagħha ssir indipendentement mill-fatt jekk l-eredi humiex magħrufa jew le, jew li l-eredità ma tkunx ġjaċenti u allura għandhom jiġu mħarrkin l-eredi li jkunu magħrufa u rappreżentati dawk mhux magħrufa. Iż-żewġ ipotesijiet flimkien ma joqogħdux.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' ċitazzjoni ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju, 1986, li biha Carmela Mallia (armla), Joseph Mallia, Emmanuel Mallia, George Mallia, Louis Mallia, Dottoressa Marie Deguara, Catherine Deguara, Pauline Bonnici, Rita Sant u Carmen Mallia (xebba) f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' l-assenti Reverendu John Mallia wara li ppremettew illi l-atturi għandhom l-utli dominju perpetwu tat-tliet kwarti (3/4) indiviżi ta' l-art "Blat ta' Baħar iċ-Ċagħaq", kuntrada ta' Baħar iċ-Ċagħaq, Għargħur, u l-konvenuti, Andrew Bezzina, Paul Bezzina, Carmela Cuschieri u Nazzarena Bonavia għandhom id-dirett dominju perpetwu ta' l-istess tliet kwarti (3/4) indiviżi ta' l-art;

Illi l-kwart (¼) l-ieħor ta' l-art jappartjieni in assoluta proprjetà lill-eredità u eredi mhux magħrufa ta' Marianna Mifsud neè Debono;

Illi l-atturi ma jridux jibqgħu fi stat ta' indiviżjoni, prinċipalment biex ikunu jistgħu jagħmlu użu u jiżviluppaw il-proprjetà tagħhom enfitewtika;

Talbu li dik il-Qorti:

1. Tornda d-diviżjoni f'żewġ porzjonijiet, wieħed ta' tliet kwarti (3/4) u l-ieħor ta' kwartu (¼) ta' l-imsemmija art "Blat

ta' Baħar iċ-Ċagħaq'', kuntrada ta' Baħar iċ-Ċagħaq, limiti Għargħur tal-kejl ta' ħamest itmiem, sieħ u tliet kejliet, konfinanti mit-Tramuntana ma' ġid ta' l-eredi ta' Giorgio Mifsud, mil-Lvant ma' beni tal-Gvern u min-Nofs inhar ma' beni tal-Gvern u ma' beni ta' l-eredi ta' Giuseppe Bezzina;

2. tordna l-assenjazzjoni tal-porzjoni hekk maqsuma ta' tliet kwarti (3/4) kwantu għall-utli dominju perpetwu lill-atturi flimkien u kwantu għad-dirett dominju perpetwu lill-konvenuti Andrew Bezzina, Paul Bezzina, Carmela Cuschieri u Nazzarena Bonavia flimkien;

3. Tordna l-assenjazzjoni tal-porzjoni hekk maqsuma ta' kwart (¼) in pjena proprjetà Vincenzo Grech kuratur innomat b'digriet ta' l-1 ta' Lulju, 1986 in rappreżentanza ta' l-eredità u eredi mhux magħrufa ta' Marianna Mifsud neè Debono;

4. Tinnomina Nutar għall-pubblikazzjoni tal-Kuntratt relattiv (li għandu jiġi ppubblikat fil-post, ġurnata u ħin li jiġu stabbiliti mill-Qorti) u kuratur għall-eventwali kontumaċi;

Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-10 ta' Diċembru, 1986, li fiha Vincenzo Grech fil-kapaċità tiegħu fuq imsemmija qal:

"Illi l-eċċipjent ma jopponix it-talbiet attriċi biss jirrileva li l-art mertu tal-kawża hija ferm iżgħar minn dik li jippretendu l-atturi;

"Illi l-eredi tal-mejta Marianna Mifsud huma magħrufa

u għalhekk teħtieġ il-leġittimazzjoni ta' l-atti;

"Salvi eċċejonijiet oħra";

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-10 ta' Diċembru, 1986, li fiha l-konvenuti Andrew Bezzina, Paul Bezzina, Carmela Cuschieri u Nazzarena Bonavia qalu:

"Illi ċ-ċitazzjoni hija nulla peress li qiegħed jiġi ċċitat konvenut u preċiżament il-ħames (5) konvenut, bħala wieħed mill-komproprjetarji li huma ineżistenti;

"Illi mingħajr preġudizzju tal-premess mhux legalment sostenibbli li wieħed jiċċita eredità u fl-istess ħin eredi mhux magħrufa u għalhekk l-azzjoni hija rritwali;

*Omissis;*

"Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri";

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu, 1988 li biha ddisponiet mill-vertenza billi ordnat is-sospensjoni tat-trattazzjoni tal-kawża, ħalliet il-kawża ddifferita *sine die* riappuntabbli wara li l-atturi jkunu ppreżentaw nota (li għandha tiġi nnotifikata lill-konvenuti) li fiha jiddikjaraw jekk iridux li l-kawża titkompla jew kontra kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredità ta' Marianna Mifsud jew kontra kuraturi biex jirrappreżentaw eredi mhux magħrufa tagħha, spejjeż riservati, u dana wara li kkunsidrat illi:

Illi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi għar-rappreżentanza ta' persuni mhux magħrufa li jistgħu jkunu

kjamati għall-wirt, u jipprovdi wkoll għar-rappreżentanza ta' eredità ġjaċenti;

Fil-fehma tal-Qorti jista' jipprospetta ruħu l-każ jew li l-eredità tkun ġjaċenti u allura r-rappreżentanza tagħha ssir indipendentement mill-fatt jekk l-eredi humiex magħrufa jew le, jew li l-eredità ma tkunx ġjaċenti u allura għandhom jiġu mħarrkin l-eredi li jkunu magħrufa u rappreżentati dawk mhux magħrufa. Iż-żewġ ipotesijiet flimkien ma joqogħdux;

U xejn ma jbiddel is-sitwazzjoni l-fatt illi ġà ġie ddekretat illi Vincenzo Grech għandu jirrappreżenta kemm l-eredità ġjaċenti ta' Marianna Mifsud kif ukoll l-eredi mhux magħrufa tagħha;

L-atturi baqgħu sa' l-aħħar isostnu illi ċ-ċitazzjoni għandha timxi kemm kontra l-eredità ta' Marianna Mifsud kif ukoll kontra l-eredi tagħha mhux magħrufa. Il-konvenuti għad-diviżjoni minnaħa tagħhom isostnu illi l-kondividenti għandhom ikunu speċifikati u identifikati bħala l-leġittimi kontraditturi fil-kawża tad-diviżjoni;

Rat ir-rikors ta' l-atturi ppreżentat fis-17 ta' Marzu, 1988 li bih għar-raġunijiet hemm imsemmija talbu li din il-Qorti tirrevoka d-digriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li permezz tiegħu differiet il-kawża fl-ismijiet premessi *sine die* u tirrinviha lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tiġi ttrattata u deċiża skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti Andrew Bezzina, Paul Bezzina, Carmela Cuschieri u Nazzarena Bonavia ppreżentata fil-25 ta' Marzu, 1988;

Rat ir-risposta ta' Vincenzo Grech *nomine* ppreżentata fis-6 ta' Ġunju, 1988;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-aggravju miġjub 'il quddiem mill-appellanti huwa li bid-digriet fuq imsemmi l-ewwel Qorti tefgħet oneru kbir fuq l-atturi li hija ma setgħetx tagħmel u fil-fatt l-atturi ma jridux jieħdu. Skond huma, iċ-ċitazzjoni jew hija nulla kif qegħdin isostnu l-konvenuti Andrew Bezzina, Paul Bezzina, Carmela Cuschieri u Nazzarena Bonavia, jew ma hijiex skond ma jirritjenu l-istess appellati, u l-Qorti għandha tiddeċidi dan il-punt u mhux tobbligahom kif għamlet bid-digriet fuq imsemmi;

Min-naħa tagħhom l-imsemmija konvenuti qegħdin jissottomettu li l-provvediment tal-Qorti mhux appellabbli peress li l-kawża qiegħda *sine die* u sakemm tibqa' ma jistgħux isiru atti ħlief rikors biex terġa' titpoġġa fuq il-lista u ttrattata u deċiża skond il-liġi. Il-konvenut Grech *nomine* rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

Id-digriet appellat ma jikkonsistix biss f'sempliċi differiment "*sine die*" imma fih ukoll l-ewwel Qorti ssospendiet it-trattazzjoni tal-kawża u mbagħad ħallietha "*sine die*" riappuntabbli wara li l-atturi jkunu ppreżentaw in-nota msemmija fl-istess digriet. B'dak id-digriet għalhekk l-ewwel qorti

fil-fatt issopprasjediet sakemm l-atturi jottemperaw ruħhom mat-termini ta' l-imsemmi digriet. Normalment ikun hemm sopressjoni minħabba eċċezzjoni sabiex l-eċċezzjoni tkun dedotta u kombattuta f'ġudizzju separat;

Fil-każ preżenti l-ewwel Qorti fil-fatt ordnat is-soprassessjoni sakemm l-atturi jippreżentaw in-nota msemmija fl-istess digriet;

Issa kif ġie deċiż mill-Qorti fil-kawża "Magri *vs* Micallef *et*", 28-1-1957 Koll. Deċ. Vol. XLI.I.59, provvediment li bih il-Qorti tordna s-soprassessjoni f'kawża huwa digriet interlokutorju. Isegwi għalhekk li d-digriet preżenti, bħala digriet interlokutorju, huwa appellabbli bħal kwalunkwe digriet interlokutorju ieħor. Kwindi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità fuq imsemmija m'hijiex fondata;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti fil-kawża Giovanna Cardona *vs* Carmelo Pisani 4-11-1957 (Kollex. Deċ. Vol. XLI.I.507) irriferiet għas-soprassessjoni bħala rimedju straordinarju li l-Qorti għandha tirrikorri għalih biss meta hu meħtieġ fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja x'ħin tinqala' xi kwistjoni delikata u ġdida li d-deċiżjoni tagħha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-eżitu tal-kawża jew minħabba n-natura ġuridika tagħha ma jkunx konvenjenti li tiġi eżaminata u deċiża ħlief f'kawża oħra separata li tkun trid tiġi proposta separatament;

Fil-każ preżenti l-ewwel Qorti kellha quddiemha eċċezzjoni ta' l-imsemmija konvenuti fis-sens li ma kienx legalment sostenibbli li wieħed jiċċita eredità u fl-istess ħin eredi mhux magħrufa u għalhekk l-azzjoni hija rritwali. L-ewwel Qorti bid-

digriet fuq imsemmi, wara li qalet li ż-żewġ ipotesijiet, ċjoè li l-eredità tkun ġjaċenti u għalhekk ir-rappreżentanza tagħha ssir indipendentement mill-fatt jekk l-eredi humiex magħrufa jew le, u li l-eredità ma tkunx ġjaċenti u allura jiġu mħarrka l-eredi li jkunu magħrufa u rappreżentati dawk mhux magħrufa – ma joqogħdux flimkien, minflok għaddiet biex tiddeċidi l-eċċezzjoni quddiemha, kif kellha tagħmel, ordnat is-sospensjoni tal-kawża, iddifferietha *sine die* u għamlitha riappuntabbli wara li l-atturi jippreżentaw nota li fiha jiddikjaraw jekk iridux li l-kawża titkompla jew kontra kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredità ta' Marianna Mifsud jew kontra kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa tagħha;

Sija l-atturi kif ukoll il-konvenuti fuq imsemmija kienu qegħdin jistennew deċiżjoni fuq l-imsemmija eċċezzjoni iżda minflok ingħata l-imsemmi digriet li fih il-Qorti ssoprassjediet sakemm issir in-nota fuq imsemmija. B'din in-nota l-ewwel Qorti kienet qiegħda timponi fuq l-atturi li jagħżlu kif titkompla l-kawża meta dawn kienu qegħdin isostnu *inter alia* li l-eċċezzjoni tan-nullità ma kinetx sostenibbli billi mhux inkluża fost dawk imsemmija fl-art. 789, Kap. 12 (ara nota ta' osservazzjonijiet fol. 28, para. 4);

Il-Qorti ma tarax li s-soprassessjoni ordnata mill-ewwel Qorti kienet meħtieġa fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja iżda anzi din kienet tirrikjedi li l-eċċezzjoni fuq imsemmija tal-konvenuti tiġi deċiża mill-ewwel Qorti. Għalhekk hemm lok għar-revoka ta' l-imsemmi digriet;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi (1) tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità sollevata mill-konvenuti Andrew Bezzina, Paul Bezzina, Carmel Cuschieri u Nazzarena Bonavia

bl-ispejjeż kontra tagħhom (2) tilqa' l-appell u tirrevoka d-digriet appellat b'dan li l-ispejjeż (apparti dawn fuq deċiżi), inklużi l-ispejjeż tal-Konvenut Vincenzo Grech *nomine*, sija ta' l-ewwel kif ukoll ta' din it-tieni istanza, fiċ-ċirkostanzi jiġu ssopportati nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti Andrew Bezzina, Paul Bezzina, Carmela Cuschieri u Nazzarena Bonavia. Il-Qorti tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.